**MINUTI**

## Laqgha tal-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex

# IT-TMIEN LEGISLATURA

## Laqgha Numru 50

**31 ta' Jannar 2023**

**Il-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu li jinsab fl-indirizz *Highrise Apartments* Triq l-Imradd Ta' Xbiex XBX1150, fil-hamsa u nofs ta' filghaxija.**

**PREZENTI:**

**Max Zammit – Sindku**
**Oriana Calleja – Vici Sindku**
**Ronald Portelli – Kunsillier**
**Louise Cachia Castelletti – Kunsillier**

**ASSENTI B'APOLOGIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**
**Eugenio Muscat - Kunsillier**

**UFFICCJAL PREZENTI:**

**Yasmine Tonna – Segretarju Ezekuttiv**

## Minuti

## 50.1 Qari ta' Ittri ta' Apologiji;

50.1.1 Is-Segretarju Ezekuttiv qrat l-ittra ta' apologija tal-Kunsillier Eugenio li ma settax jattendi Ghal-laqgha minhabba raguni ta' sahha.

## 50.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

50.2.1 Il-Minuti gew imresqa mis-Sindku ghall-approvazzjoni.

Ma kienx hemm korrezzjoni.

## 50.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti;

50.3.1 Is-Sindku Max Zammit ressaq ghall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-pagamenti, dokumenti li kienu ccirkulati u li ttiehdu bhala moqrija u wara ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti. Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara l-Kunsillier Ronnie Portelli ipproponiet l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha. Il-Kunsillier Louise Cachia Cattelletti issekondat.

Il-Kunsill unanimament approva l-pagamenti kollha.

## 50.4 Komunikazzjoni mis-Sindku;

50.4.1 Is-Sindku Max Zammit qal li minhabba s-solar bins li se nwehhlu bis-sahha tal-fondi tan-Norwegian Funds jahdmu bl-energija tax-xemx ridna nzommu f'mohhna li biex dawn ikunu efficjenti, rridu jehlu f'post fejn jara xemx specjalment fix-xitwa fejn ix-xemx ma tkunx qawwija.

Ghaldaqstant huwa qal li ghamel ezercizzju flimkien mas-Segretajru Ezekuttiv u s-supplier li xtrajna s-solar bins minghandu biex jaraw fejn huwa l-ahjar post li jigu nstallati. B'dan l-ezercizzju gie innutat li fi Triq Abate Rigord m'hemmx bizejjed postijiet fejn jkun hemm hafna xemx fix-xitwa. Ghallura qed jipproponi li nwehlu 4 solar bins go Triq Abate Rigord, 1 Triq ix-xatt hdejn dak ir-restorant popolari u li xorta wahda vicin hafna Triq Abate Rigord u iehor hdejn il-bus stop ta' Triq Principessa Margerita minhabba li dan il-post jigi frekwentat minn hafna nies kif ukoll mill-istudenti minhabba li t-trasport taghhom iwaqqafhom fuq din l-istage.

Is-Sindku saqsa lill-Kunsill hekk jaqblux mal-postijiet li ippropona biex filkas ikun jista' jitlob modifikazzjoni lis-Sur Tabone.

Il-kunsill qabel.

50.4.2 Is-Sindku talab lis-Segretarju Ezekuttiv tressaq il-performance appraisal tal-Contracts Manager Michael Mifsud.

Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li jingħata 3%.

50.4.3 Is-Sindku qal li l-kunsill se jibbenefika minn skema li harreg id-dipartiment "Finanzjament għal xogħlijiet ta' manutenzjoni fuq funtani fil-lokalitajiet f'Malta" fejn il-kunsill kien applika biex induru dawra l-funtana tat-tmun li hemm go Triq Principessa Margerita. Is-Sindku qal li s-Segretarju Ezekuttiv infurmatu li m'hemmx ghalfejn jinhareg tender minhabba li se jkun hemm entitajiet privati differenti jahdmu fuqha u mhux se nkunu qed naqbzu Direct Order.

Il-Kunsill qabel.

50.4.4 Is-Sindku qal li s-Segretarju Ezekuttiv uriet ix-xewqa li peress li hija ghada mhux daqsekk komda mas-sistema tal-epps fejn napplowdjaw u navvaljaw it-tenders online, tixtieq li nqabdu lil xi hadd fejn jista jghina sakemm hija tibda thossha komda li tibda taghmielhom wehiedha.

Il-Kunsill qabel u talab ukoll li l-persuna li se nkun qed inqabdu irrid jkun prezenti meta l-evaluation board jrid jaghmel l-evaluation tat-tender u s-Segretarju Ezekuttiv Yasmine Tonna xorta wahda tibqa t-tender coordinator.

## 50.5 Karnival;

50.5.1 Is-Sindku qal li minhabba li kelna l-Christmas Village fil-Marina u minhabba li normalment jinzerta li jkun temp ikrah huwa tal-idea li ghal din is-sena nikkunsidraw li naghmlu xi haga zghira fi Triq Principessa Margerita n-naha tal-funtana tat-tmun.

Wara diskussjoni l-Kunsill qabel li t-Tlieta 21 ta' Frar fl-4pm ngibu parata braziljana u naghddu minn Triq Testaferrata, Triq George Mitrovich, Triq Giuseppe Cali, Triq Abate Rigord, Triq il-Halg, Triq Imradd, Triq Prinjolata u nispiccaw fi Triq Principessa Margerita fejn hemm il-funtana tat-tmun. Gie deciz ukoll li mal-parata ghandna nikru ukoll 2 karattri ta' Disney u 2 maskaruni kif ukoll li niehdu hsieb li jkun hemm 2 ufficjali tal-lesa jduru maghna.

## 50.6 Performance Bonus Appraisal tas-Segretarju Ezekuttiv;

50.6.1 Is-Sindku qal li s-Segretarju Ezekuttiv baghtitlu l-performance bonus appraisal taghha biex jimlieh u jipprezentah waqt il-laqgha tal-kunsill izda ma lehaqx jimla r-rapport.

Il-Kunsilliera xorta wahda xtaqu li jiddiskutu l-performance generali taghha u ssuggerrew li tinghata 10% igiferi l-massimu li jista jinghata.

## 50.7 Hrug ta’ Tenders tal-progetti li applikajna ghaliehom permezz;

50.7.1 Is-Sindku infurma lill-Kunsill li hemm bzonn jinhargu 3 tenders biex naghmlu l-progetti li l-Kunsill se jircievi fondi ghaliehom minn entitajiet differenti.

50.7.2 L-ewwel wiehed huwa ghall-iskema li kienet harget il-LESA fejn ahna konna applikajna ghaliehom biex nixtru ninstallaw l-automated bollards fi Triq ix-Xatt. Is-Sindku qal li tawh parir li meta nohorgu t-tender ghandna ndahlu maintenance agreement minn tal-inqas ta’ hames snin. Haga ohra li xtaq jdahhal f’din it-tender hija li ghandna ndahlu x’imkien xi kundizzjoni x’jigri hekk xi darba tinqala t-triq, hekk hux l-Infrastructure Malta jergux jaghmluhom. Huwa qal ukoll li ghandna nsaqsu ukoll lill-awarded bidder hekk dawn jistghux jergu jinqallaw u jergu jigu nstallati.

Il-Kunsill iddecieda li s-Segretarju Ezekuttiv ghandna ticcekja mas-supplier minn fejn gabet il-kwotazzjoni hekk dawn l-automated bollards humiex removable u jergu jitkelmu skond ir-risposta li tircievi.

50.7.3 It-tieni wiehed huwa ghall-iskema SPI/SCI/09/2022 – Finanzjament ta’ Progetti Kapitali fejn il-kunsill kien applika biex inwessaw il-bankina ta’ Triq ir-Rampa. Is-Segretarju Ezekuttiv spjegat li l-Kunsill se jircievi €80,000 izda biex issir dan il-progett il-kunsill irrid johrog €62,000 mill-fond tieghu.

Is-Sindku qal li peress li hemm ammont kbir li l-Kunsill rrid johrog biex jigi mplementat dan il-progett nistghu nippruvaw fejn ninfurmaw lid-Dipartiment u forsi jtuna aktar fondi jew inkella l-flus li dahhalna mill-permessi tal-Christmas Village nuzawhom ghal dan il-progett.

Il-Kunsill qabel unanimament biex jinhareg it-tender ghal dan il-progett.

50.7.4 It-tielet wiehed huwa ghall-iskema SPI/SCI/6/2022 – Fond ta’ Manutenzjoni u Sostenn ta’ Progetti Infrastrutturali Magguri li gew imwettqa mill-Gvern Centrali. Il-Kunsill kien applika biex jinbidel il-madum l-ahmar fejn hemm il-bankiijiet fil-car park tal-Yacht Marina.

Is-Sindku qal li wara l-kunsill kien applika ghal dan il-fond ikkuntatjawh il-GHRC fejn infurmawh li it-tir taghhom ser jaghmlu l-promenade mill-gdid jibdew minn din is-sena mill-Pieta u wara jibqu sejrin sa Ta’ Xbiex. Ghaldaqstant huwa qal li l-Kunsill ghandu jaghmel talba li dawn il-fondi l-Kunsill li se jircievi ghal dan il-progett jigu uzati fi progett iehor biex b’hekk ma nkunux tlifniehom.

Il-Kunsill qabel.

## 50.8 Fitness Classes;

50.8.1 Is-Sindku ressaq proposta wara diskussjonijiet ma residenta minn Ta' Xbiex, li tinkludi klassijiet ta' fitness bla ħlas ghar-residenti ta' Ta' Xbiex u ħlas nominali għal persuni minn barra l-lokal.

Se jkunu qed jiġu ppreparati żewġ klassijiet differenti, waħda fuq livell avvanzat u oħra fuq livell bażiku.

Il-Kunsill qabel unanimament.

## 50.9 Public Toilets Triq ix-Xatt;

50.9.1 Is-Sindku ppropona li jkun xieraq li minħabba n-natura tal-importanza tiegħu, dan is-suggett jiġi diskuss ukoll fil-presenza tal-Kunsillier Eugenio Muscat, li jinsab indispost minħabba raġunijiet ta' saħħa, filwaqt li awguralu fejqan ta' malajr.

Il-Kunsill qabel unanimament u ingħaqdu mas-Sindku fl-awgurju tiegħu..

## 50.10 Twegibiet ghall-mistoqsijiet tal-kunsilliera;

50.10.1 Il-Kunsillier Louise Cachia Catelletti saqsiet taht min jaqa t-tarag id-dejjaq li hemm bejn Triq Imradd u jibqa niezel ghal Triq ix-Xatt minhabba li jinsab fi stat hazin hafna fejn hemm madum imkisser u qieghed perikoluz.

Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li meta kienet ghada skrivana kienet pruvat issib ta' min hu izda sfortunatament qatt ma qabdet irkaptu. Hija qalet li se tkun qed terga tahdem fuqu biex naraw taht min jaqa u hekk huwa taghna nirrangawh.

Is-Sindku qal ukoll li ghandna nibdew billi naraw l-ewwel li l-flash light li konna ghamielna li jaghti ghal dan it-tarag hux tixeghel halli filkas nirraportawa mmedjatament.

## 50.11 Items ohra ta' xoghol iehor tal-Kunsill Lokali li jkunu mehtiega;

50.11.1 Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li peress li l-iskrivan Liam Sciberras jilghab man-nazzjonal u huwa intolat ghall-ispecial leave qed issib diffikulta biex t'approva l-vacation leave li jitloba l-Council Assistant Matthew Zammit minhabba li gieli qed jkun hemm xi granet li jahbtu flimkien. Hija qalet li fl-opinjoni taghha ma tahsibx li huwa gust li ghal xi jumejn li jahbtu flimkien dan ma jigix approvat.

Ghaldaqstant hija qed tissuggerrixi kontra li kien gie deciz f'Dicembru biex kemm jistajkun inhallu l-istaff jahdem kuntent li meta jahbtulhom xi zewg granet ghandha taccetahulhom u x-xoghol taghhom jinqasam bejna u bejn s-Sa Anna Micallef.

Il-kunsillier Louise Cachia Castelletti qalet li hija taqbel izda qalet lis-Segretarju Ezekuttiv li titlob bil-miktub u ssaqsi kemm s-Sur Sciberras huwa intolat ghall-ispecial leave.

Il-Kunsill qabel unanimament.

## 50.12 Rapporti mill-Kunsilliera;

50.12.1 Ma kinx hemm.

## 50.13 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss;

Il-laqgha li jmiss ha ssir it-Tlieta 28 ta' Frar 2023 fil- hamsa u nofs ta' filghaxija.

Il-laqgha intemmet fit-8.30 ta' filghaxija.

Konfermati llum it-Tlieta 28 ta' Frar, 2023.

| | |
|---|---|
| ____________________ | ____________________ |
| **Max Zammit** | **Yasmine Tonna** |
| **Sindku** | **Segretarju Ezekuttiv** |